**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**-Vs-**

**SIMON LEYTON RACHID**

**Illum, 30 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **SIMON LEYTON RACHID** ta' 24 sena, iben Jouma u Theresa nee' Agius imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Jannar 2001, residenti ġewwa 34, Triq San Frangisk, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 95301L li ġie akkużat talli :

1. Fil-lejl ta' bejn it-28 t' Marzu 2025 u d-29 ta' Marzu 2025 ġewwa l-lokalita' ta' San Ġiljan u/jew f'diversi lokalitajiet oħra fil-ġżejjer Maltin, naqas milli jħares il-kundizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr

Ian Farruġia LL.D fid-digriet tiegħu tat-3 ta' April 2023 li bih tah il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

2. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D fid-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2022 li bih tagħtu l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

3. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D, fid-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2022 li bih taghtu l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti kienet miluba sabiex f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt il-preżentata, jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u ta' dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reati li jinsab mixli bihom, u l-piena erogabbli, u dan wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonjiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Illi l-imputat jinsab mixli bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li imposti fuqu bi tliet digrieti differenti.

Illi l-imputat kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar imposta fit-tliet digrieti li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest u dan meta nstab ġewwa stabbiliment tax-xorb ġewwa Paceville għall-ħabta tas-1.00 a.m. minkejja li kellu jkun ġewwa r-residenza tiegħu wara t-8.00 p.m. Għalkemm minn eżami tal-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-imputat diversi drabi kien nsab ħati u ġie kundannat għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, ġie rilevat mill-Prosekuzzjoni waqt is-sottomissjonjiet li saru dwar il-piena, illi illum il-ġurnata l-imputat miexi fit-triq it-tajba u sab impieg u l-andament tas-sorveljanza tiegħu mill-uffiċjal tal-probation huwa wieħed pożittiv. Ġie dikjarat ukoll li piena karċerarja effettiva ma tkunx waħda idonea f'dan il-każ għaliex ikun iktar opportun li l-imputat jibqa' jaħdem fl-impieg li għandu u b'hekk ikompli jirreġistra progress pożittiv f'ħajtu, u ma' dan, naturalment, id-difiża qablet.

Il-Qorti filwaqt li fehmet li din il-ħarġa matul il-lejl għal skop ta' divertiment kien nuqqas iżolat għaliex dan l-aħħar l-imputat jidher li qed jagħmel ħiltu biex jorganizza ħajtu u jżomm 'il bogħod mill-kriminalita', fehmet ukoll li l-imputat għadu ma għarafx u apprezza l-importanza tal-osservanza tal-ordnijiet tal-Qorti għaliex ripetutament jikser il-kundizzjonjiet tal-ħelsien mill-arrest minkejja li ġie kundannat sena priġunerija għall-istess reat inqas minn sentejn ilu. Għalhekk, anke għaliex l-imputat kiser kundizzjoni imposta f'xejn inqas minn tliet digrieti minħabba kapriċċ, fejn il-ksur m'huwiex wieħed ta' importanza żgħira, tqis li piena karċerarja fil-massimu hija bżonnjuża u addatta fiċ-ċirkostanzi iżda sejra tapplika d-dispożizzjonijiet

tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali biex l-imputat joqgħod ferm iktar attent fil-futur u fl-istess waqt jingħata l-opportunita' jkompli miexi fit-triq it-tajba.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil SIMON LEYTON RACHID ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi zmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000) stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-3 ta' April 2023 (Maġistrat Dr. Ian Farrugia) – Dok. G.**

**Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fil-15 ta' Settembru 2022 (Dok. E).**

**Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000) stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022 (Dok. F).**

**Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni tal-konfiska u wkoll għall-fini tal-artikou 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**